**€MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U GĦOXRIN**

**23 ta' April, 2014**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia, il-Viċi Sindku Rita Grima u Kunsilliera s-Sinjura Rita Bellizzi, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Dino Bonnici, s-Sur Vincent Marmara, Pierre Farrugia, s-Sur Raymond Grixti, s-Sur Kevin Sam Farrugia u s-Sur David Abdilla.
Is-Sur Ayrton Farrugia – Ambaxxatur tal-Vot 16 għal-lokalita'.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier Dr Claudio Zammit informa lill-Kunsill li ma setgħax jattendi minħabba x-xogħol. (ittra mehuża Dok. 1)

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**25.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

25.1.1 Is-Sindku beda biex qal li jixtieq jiddeferixxi punt numru 9 mill-Aġenda preżenti, minħabba li fil-ġimgħat li ġejjin kien ser ikun imsiefer fuq xogħol u ma jridx iħalli responsabbilta' fuq il-Kunsilliera, tad-deċiżjoni li ser tkun ser tittieħed waqt din is-Seduta. Hu ppropona li dan l-item jiġi mressaq f'seduta oħra aktar 'l quddiem.

Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

25.1.2 Fir-rigward ta' punt 24.1.2 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-bord tal-appell ser jieħu deċiżjoni nhar il-25 ta' April, 2014.

25.1.3 Fir-rigward ta' punt 24.1.4 kien hemm qbil unanimu li s-Sindku

jitkellem f'isem il-Kunsill, mal-Perit Audrey Testaferrata De Noto – Direttur tat-Traffic Management u jitlobha żewġ parkeġġi f'Misraħ Repubblika quddiem l-istatwa ta' Santa Katarina, biex ikunu bil-ħin.

25.1.4 Il-Kunsillier Rita Bellizzi ssuġġeriet li l-Kunsill jitlob l-għajnuna tal-pulizija fuq dan ir-rigward minħabba li hemm bżonn li s-sorveljanza ta' pparkjar ħażin issir madwar ir-raħal kollu u mhux f'Misraħ Repubblika biss.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ispettur u Supretendent tal-għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq.

25.1.5 Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa f'hiex wasal il-protest ġudizzjarju fuq it-tabella tal-Merħba Żurrieq ta' fejn il-Mitħna tax-Xarolla. Kien hemm qbil li tinkiteb email lill-Avukat fejn jiġi mistoqsi il-proċedura li jmiss.

25.1.6 Fir-rigward ta' punt 24.8, il-Kunsillier Joseph D'Amato ppropona li għal Ġieh iż-Żurrieq, ir-residenti magħżula mill-Kunsill jingħataw pin tal-pavru, tal-fidda bl-emblema taż-Żurrieq, hekk kif Kunsill preċedenti kien ta' f'okkażjoni simili.

Kien hemm qbil unanimu li tali ġest jieħu ħsiebu l-Kunsillier Joseph D'Amato.

25.1.7 Kien hemm qbil unanimu li l-persuni kollha li ser jingħataw Ġieh iż-Żurrieq u ċ-ċertifikati ta' apprezzamenti jiġu magħrrfa b'ittra uffiċċjali ffirmata mis-Sindku.

25.1.8 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk il-Kunsill irċeviex xi korrispondenza fuq l-Out Door Gym. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lis-Segretarju Parlamentari l-ġdid l-Onor. Chris Agius fuq dan ir-rigward.

25.1.9 Il-minuti ta' seduta 24 ġew approvati.

***25.2 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numri 48***

25.2.1 Ġew approvati l-minuti numri 48

**25.3 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sotto Kumitati – tal-Anzjani**

25.3.1 Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat imsemmi.

**25.4 Approvazzjoni tal-Minuti Reġjun Nofsinhar**

25.4.1 Ġew approvati l-minuti numru 6 laqgħa tar-Reġjun Nofisnhar.

***25.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku***

25.5.1 Is-Sindku qal li saru laqgħat mal-Għaqdiet taż-Żurrieq u ħwienet taċ-ċentru taż-Żurrieq, biex jibdew il-preparamenti għall-Festa Ħut. Hu qal li jħossu ddiżappuntat li kienu biss iż-Żurrieq FC, Żurrieq Wolves u l-Bronze Bar li m'attendewx għal-laqgħa. Hu żied jgħid li dak inhar ta' Festa Ħut tali għaqdiet u ħanut mhux ser ikunu jistgħu jiġu allokati stand biex jarmaw.

25.5.2 Is-Sindku semma proposta ta' proġett ta' 7 sulari bini fi Triq Ta' Ciantar. Hu ppropona li l-Kunsill iqabbad lill-Perit tal-Kunsill biex jagħmel oġġezzjoni ta' permess għal dan il-proġett, minħabba li kien ser jaffettwa ħażin lir-residenti tal-akwata.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jekk il-Kunsill iħalli li jsir tali proġett ikun qed joħloq preċedenti għal proġetti oħra simili u dan imur kontra l-estetika taż-Żurrieq. Hu żied jgħid li r-residenti tal-akwata qed jagħmlu petizzjoni kontra tali proġett.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jinforma lill-Perit biex jipproċedi bl-oġġezzjoni, f'isem il-Kunsill.

25.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill b'talba li d-Direttur tat-traffiku – l-Perit Testaferrata De Noto għamlet lill-Kunsill, biex jikkunsidra *reserved parking for Disabled Blue Badge Holders* quddiem l-Uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali l-ġdid, fi Triq Dun Guzepp Zammit. Kien hemm qbil unanimu li minħabba n-nuqqas ta' parkeġġ li hemm fl-akwati u minħabba li faċċata tal-istess bini fi Triq Dun Gużepp Zammit u fi Triq P P Saydon k/m Triq il-Ħaddiema, diġa hemm parkeġġi bħal dak mitlub, il-Kunsill ma jħoss il-bżonn ta' aktar parkeġġi simili.

25.5.4 Is-Sindku semma l-bżonn ta' Air Conditions fil-berġa tas-saħħa taż-Żurrieq. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-Ministru kkonċernat biex jikkunsidra t-talba tal-Kunsill.

25.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet talba ta' residenti minn Triq San Martin, fejn qalu li kien hemm bozza ma' bini, li kien ġie mwaqqa biex jinbena ieħor minfloku u li l-bozza li kien hemm ma' tali bini ma reġgħetx ġiet imwaħħla minħabba li s-sid m'għadux iridha.

Wara diskussjoni kien hemm qbil li :

- Il-Kunsill jistaqsi lill-Enemalta fuq jekk resident għandux dritt li joġġezzjona li bozza titwaħħal mar-residenza tiegħu wara li

tkun inqalgħet biex isir żvilupp.

- Il-Kunsill jistaqsi lill-Enemalta jekk tali bozza tistax titwaħħal ma' arblu faċċata tal-imsemmija binja. Jekk l-Enemalta taċċetta tali lampa tiġi installata mal-arblu msemmi.

25.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill fuq ittra li rċieva biex bħal kull sena l-Kunsill jieħu sehem f'wirja agrikola tal-Imnarja billi jipprepara bixkilla bl-frott u ħxejjex.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jipparteċipa bl-għajnuna ta' residenti li kapaċi jiddekoraw tali bixkilla. Din il-biċċa xogħol ser tieħu ħsiebha l-Kunsillier Rita Bellizzi nkarigata mill-Anzjani.

25.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni ta' ittra li l-Kunsill irċieva mingħand l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria, fejn infurmaw lill-Kunsill li l-ħlas tas-servizz tal-banda b'effet mis-sena id-dieħla ser ikun ta' €1,000.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill iżomm mal-budget li għandu u li jħallas kull sena €932 għal tali servizz.

***25.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2013***

25.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-Financial Statments tas-sena 2013 mħejji mil-Accountant tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Pierre Farrugia ma riedx japprova tali rapport minħabba li ħass li llum kellu jkun preżenti l-*accountant* tal-Kunsill biex ifhiem dak miktub.

Tali rapport ġie approvat u s-Segretarju Eżekuttiv ġiet mitluba tinforma lill-Accountant ikun preżenti waqt is-seduta li jmiss biex ikun jista jispjega tali rapport. Kien hemm qbil ukoll li l-*Accountant* ma jitħallasx qabel ikun preżenti għas-seduta.

***25.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart – L-Ewwel Kwart (Jannar-Marzu 2014)***

25.7.1 Ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena ġie approvat.

***25.8 Orkestra f'Attivitajiet Barra miż-Żurrieq***

25.8.1 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ppropona li dan il-punt fuq l-aġenda jiġi diskuss fil-ħin opportun meta l-orkestra tkun imsejħa li tagħti servizz barra miż-Żurrieq. Hu qal li bħalissa m'hemm xejn konkret li ser jiġri dan għalhekk ma jarax il-bżonn li jiġi diskuss dan il-punt.

Kien hemm qbil fuq dan.

### *25.9 Mafkar tal-Madonna tal-Karmnu*

25.9.1 Dan il-punt tqajjem fil-bidu tas-seduta.

### *25.10 Funtani f'Misraħ Mattia Preti u Vjal il-Blue Grotto*

25.10.1 Is-Sindku qal li wara ħafna taħbiet u laqgħat il-funtana ta' Vjal il-Blue Grotto bdiet taħdem.

Is-Sindku qal li qabbad lill-ħaddiema tal-IPSL u l-ETC assenjati mal-Kunsill biex jagħmlu xogħol ta' tisbieħ fi Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa fi Triq Bronja. Hu żied jgħid li hemm bżonn li tinxtara pompa għall-funtana ta' l-istess ġnien. Kien hemm qbil li tinxtara.

25.10.2 Is-Sindku staqsa x'sar mill-proġett tal-funtana f'Misraħ Mattia Preti. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb ittra ta' twissija lill-Perit William Lewis fuq żewġ proġetti pendenti – Il-funtana tal-Misraħ u l-proġett tal-Mitħna tax-Xarolla u l-akwata. Kien hemm qbil li jekk il-Perit ma jagħtix ix-xogħol meħtieġ fuq dawn iż-żewġ proġetti sa' ħmistax –il ġurnata oħra, il-Kunsill joħroġ *default notice*.

### *25.11 Ġemellaġġi*

25.11.1 Is-Sindku qal li minħabba li l-Kunsillier inkarigat mil-Ġemellaġġi ma kienx preżenti, ppropona li dan l-*item* jiġi diskuss f'seduta oħra.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li rċieva telefonata mis-Sindku ta' Borgo Maggiore fejn stiednu jorganizza ġita lir-residenti Żrieraq għal Borgo Maggiore u minħabba l-preparamenti li fiha tali ġita jħoss li l-Kunsill għandu jinforma lill-Kunsillier Claudio Zammit, ħalli jekk f'seduta oħra jerġa jkun assenti, jagħti l-approvazzjoni tiegħu biex tali ġita tkun tista tiġi organizzata.

Is-Sindku reġa saħaq li tali punt jiġi diskuss waqt li l-Kunsillier responsabbli jkun preżenti.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Pierre Farrugia ħareġ mis-seduta (ħin 7.35pm)

### *25.12 Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*

25.12.1 Il-Kunsillier Dino Bonnici rrefera għall-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand il-Malta Racing Club fejn issuġġerew li l-Kunsill jisponsorja tiġrija f'isem iż-Żurrieq. Tali tiġrija issir fil-Marsa race course u l-

Kunsill ikun inkarigat li jagħti tliet trefow lill-ewwel, lit-tieni u lit-tielet rebbieħa. Il-Kunsillier Dino Bonnici ppropona li jieħu ħsieb hu tal-fondi (sponsor) li jipprova jġib minn Kumpaniji u wara jkun is-Sindku flimkien miegħu li jagħtu tali premijiet.

Kien hemm qbil li ġaladarba l-Kunsill ma jkunx involut f'fondi, l-Kunsillier Dino Bonnici jieħu ħsieb jiġbor sponsor.

25.12.2 Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia ssuġġerixxa li jsir refresh tar-*reserved parking* li hemm quddiem l-HSBC. Kien hemm qbil li l-Kunsill javża lill-bank ikkonċernat.

25.12.3 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li waqt il-laqgħa li ser jagħmel il-Kunsill mal-Pulizija jiġi diskuss ukoll l-ostaklu tal-bankina li qed ikun hemm mill-bejjiegħa tal-monti, speċjalment fi Triq Dun Gużepp Zammit K/m Triq Carmelo Caruana.

Kien hemm qbil fuq dan.

25.12.4 Il-Kunsillier Joseph D'Amato talab il-lista ta' xogħlijiet li qed jagħmlu l-ħaddiema tal-IPSL u ETC assenjati mal-Kunsill.

Tali lista ser tkun mibgħuta kull ġimgħa.

25.12.5 Il-Kunsillier Vincent Marmara qal li:

- L-attivita' tal-Inizjattiva favur il-qari ser issir fil-21 ta' Ġunju, minflok fis-17 ta' Mejju, minħabba li f'dik il-ġurnata ser tittella' laqgħa plenarja tar-Reġjun.

- Fil-ġimgħa li ġejja ser ikollu laqgħa mas-Sur Mark Causon – biex jiddiskuti proġetti mill-EU.

- Fir-rigward taċ-ċirkulari li l-Kunsill irċieva fuq – Qafas għall-Istrateġija għall-Edukazzjoni f'Malta 2014-2024, qed jieħu ħsieb li jfassal l-opinjonijiet tiegħu u jieħu ħsieb li jagħddihom lill-Kunsill aktar 'l quddiem.

25.12.6 Il-Kunsillier Raymond Grixti talab li :

- Jsir *refresh ta' central white line* fi Triq il-Qrendi - Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.
- Jinqata' l-ħaxix fi Triq il-Qrendi. Kien hemm qbil li l-ewwel xogħol li jieħu l-kuntrattur tan-Non Urban tkun Triq il-Qrendi.
- Talab li l-Kunsill ikollu ħaddiem wieħed partikolari fuq xogħol ta' żebgħa ta' sinjali tat-traffiku biex ikun hemm uniformita' fuq ix-xogħol.

25.12.7 Il-Kunsillier Rita Bellizzi qalet li

- L-aħħar ħarġa tal-anzjani li saret fil 25 ta' Marzu, reġgħet kienet suċċess. Hi organizzat ħarġa fil-Crafts Village, Valletta

Glass u Bristow Poteries.

- Fid-29 ta' April, ser torganizza ġita għal-Għawdex fejn ser toħodhom il-Belt Victoria, l-Agrituriżmu Ta' Mena u xi postijiet oħra.
- Fl-14 ta' Ġunju ser torganizza ġita għal Siracusa fejn fost l-oħrajn ser iżuru Ortigia, s-Santwarju tal-Madonna tad-Dmugħ u Sqallija l-antika. Il-prezz ser ikun ta' €138 –il persuna li ma jinkludiex it-trasport ta' Malta.

25.12.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill hemm bżonn li jixtri safety shoes lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.

**25.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

25.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala '**Dok 2'** għall-ammont totali ta' **€40,496.34**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-kont tal-AID fir-rigward tal-kwotazzjoni tal-Online streaming. Hi qalet li ssa li s-sistema tħaddmet f'żewġ seduti, qed tressaq il-pagament tax-xogħol. Kien hemm qbil li tali pagament isir mal-iskeda tal-lum.

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u mil-Kunsillier Dino Bonnici.

**25.13 Data tas-seduta li jmiss.**

25.13.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20.05 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 21ta' Mejju, 2014, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Mejju, 2014

| | |
|---|---|
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |